IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.12.2021
COM(2021) 570 final

2021/0430 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat l-agħar reċessjoni ekonomika fl-aħħar għexieren ta' snin fl-UE[1], u skattat rispons politiku rapidu u determinat kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. L-Istati Membri kollha adottaw miżuri diskrezzjonali eċċezzjonali, flimkien mal-"istabbilizzaturi awtomatiċi" tagħhom, sabiex jappoġġaw l-attività ekonomika u jtaffu l-impatti soċjali.

L-UE ħadet ukoll passi mingħajr preċedent biex tindirizza l-kriżi. B'total ta' EUR 1,8 triljun fi prezzijiet tal-2018, il-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE, flimkien mal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (NextGenerationEU), huwa l-akbar pakkett ta' stimolu li qatt ġie ffinanzjat mill-baġit tal-UE. NextGenerationEU ġie approvat formalment mill-Kunsill fl-14 ta' Diċembru 2020[2] bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew u se juża EUR 750 biljun (prezzijiet tal-2018), miġbura fis-swieq kapitali, biex jiffinanzja azzjonijiet speċifiċi ta' rkupru u reżiljenza f'perjodu ta' żmien limitat, sabiex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku u jsir investiment fir-reżiljenza u f'futur aktar ekoloġiku u diġitali.

Huwa meħtieġ dħul suffiċjenti biex ikopri l-ħlas lura tal-ispejjeż ta' finanzjament tas-self ta' NextGenerationEU, mifrux fuq tliet deċennji. Il-ħlas lura tal-kapital jista' jibda qabel tmiem il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, jekk l-ammonti mhux użati għall-pagamenti tal-imgħax ikunu aktar baxxi milli ppjanat u f'każ li jiġu introdotti riżorsi proprji ġodda[3], u jrid jiġi konkluż sa tmiem l-2058[4].

Fil-qafas tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020[5], il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ddikjaraw li n-nefqa mill-baġit tal-Unjoni relatata mal-ħlas lura tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru ma għandhiex twassal għal tnaqqis mhux dovut fin-nefqa tal-programm jew fl-istrumenti ta' investiment fil-qafas finanzjarju pluriennali. Skont dan il-Ftehim Interistituzzjonali, huwa mixtieq ukoll li jittaffew iż-żidiet fir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING għall-Istati Membri. Għalhekk, it-tliet istituzzjonijiet qablu li "*jaħdmu biex jintroduċu biżżejjed riżorsi proprji ġodda bil-ħsieb li jkopru ammont li*

---

1 Il-prodott Domestiku Gross tal-UE naqas b'madwar 5,9 % fl-2020 skont id-*data* tal-Eurostat.

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23.

3 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020 iddikjaraw fil-Punt 150 li "d-dħul mir-riżorsi proprji l-ġodda introdotti wara l-2021 se jintuża għall-ħlas lura bikri tas-self tal-UE ta' Next Generation EU".

4 Skont l-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tas-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ("id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji"), il-ħlas lura ta' għotjiet li ma jitħallsux lura ma jistax jaqbeż id-EUR 29,25 biljun fis-sena (fi prezzijiet tal-2018).

5 Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28–46.

jikkorrispondi għan-nefqa mistennija relatata mal-ħlas lura."[6] Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tippoponi riżorsi proprji ġodda fl-2021 bil-ħsieb li dawn jiġu introdotti mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023[7].

2. KONTENUT TAL-PROPOSTA EMENDATA

Il-Kummissjoni tipproponi li tintroduċi riżorsi proprji ġodda, billi tagħti lill-UE r-riżorsi meħtieġa, b'mod partikolari fid-dawl tan-nefqa baġitarja ġdida għall-ħlas lura tal-ispejjeż ta' finanzjament tas-self ta' NextGenerationEU u għall-Fond Soċjali għall-Klima[8].

Il-proposta emendata tispeċifika li 25 % tal-biċċa l-kbira tad-dħul iġġenerat minn kwoti li se jiġu rkantati min-negozjar tal-emissjonijiet se jmur għall-baġit tal-UE. Dan jinkludi dħul mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet attwali għal installazzjonijiet stazzjonarji u l-avjazzjoni li għalihom se jiġu rkantati kwoti addizzjonali kif ukoll l-estensjoni tagħha għat-trasport marittimu u l-introduzzjoni ta' skambju separat tal-emissjonijiet għat-trasport bit-triq u l-bini, f'konformità mal-proposta għal emenda tad-Direttiva 2003/87/KE[9].

Il-kwoti rkantati mill-Bank Ewropew tal-Investiment għall-Fond għall-Innovazzjoni u d-dotazzjoni inizjali tal-Fond għall-Modernizzazzjoni huma esklużi. Sabiex jibqa' newtrali, l-ambitu tar-riżorsi proprji jinkludi wkoll kwoti ddedikati, fil-prinċipju, għall-irkantar mill-Istati Membri, li abbażi tad-diskrezzjoni eżerċitata mill-Istati Membri jiġu ttrasferiti mingħajr ħlas lis-settur tal-enerġija, użati għall-konformità mis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi, jew irkantati mill-Bank Ewropew tal-Investiment għall-Fond għall-Modernizzazzjoni.

Sabiex jiġu indirizzati l-impatti soċjali possibbli fir-rigward tal-introduzzjoni tal-iskambju tal-emissjonijiet tat-trasport bit-triq u tal-bini, il-Kummissjoni pproponiet li jiġi stabbilit Fond Soċjali għall-Klima. Il-Fond se jkun ta' benefiċċju għal familji vulnerabbli, mikrointrapriżi u utenti tat-trasport. Għat-tul ta' żmien tiegħu, il-Fond se jiġi ffinanzjat mir-riżorsi proprji tal-baġit tal-Unjoni, inkluż mill-2026 id-dħul mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għat-trasport bit-triq u l-bini. Il-pakkett finanzjarju totali tal-Fond għall-perjodu 2025-32 se jkun ta' EUR 72,2 biljun fi prezzijiet attwali, li fil-prinċipju jikkorrispondi għal ammont ekwivalenti għal madwar 25 % tad-dħul mistenni mis-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq għall-perjodu 2026-2032.

Qed jiġi propost mekkaniżmu temporanju ta' aġġustament tas-solidarjetà biex jittaffew l-impatti distributtivi rigressivi tar-riżorsa proprja bbażata fuq in-negozjar tal-emissjonijiet, bl-introduzzjoni ta' kontribuzzjoni massima għal Stati Membri b'introjtu aktar baxx u b'intensità

---

6 L-Anness II, il-punt F.

7 Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2021, COM (2020) 690 final.

8 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima, COM(2021) 568 final.

9 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757, COM/2021/551 final.

qawwija ta' karbonju u kontribuzzjoni minima għal Stati Membri tipikament b'introjtu ogħla u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Dan se jevita li xi Stati Membri jikkontribwixxu b'mod sproporzjonat għall-baġit tal-UE meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija tagħhom, matul il-perjodu ta' tranżizzjoni lejn ekonomiji u soċjetajiet aktar sostenibbli, u se jiżgura kontribuzzjoni ġusta minn kulħadd.

Din il-proposta tistabbilixxi li sehem mid-dħul mill-bejgħ taċ-ċertifikati tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera se jiġi ttrasferit għall-baġit tal-UE bħala riżorsi proprji fil-forma ta' kontribuzzjoni nazzjonali.

Fl-aħħar nett, din il-proposta tipprevedi li l-Istati Membri se jagħmlu kontribuzzjoni nazzjonali għall-baġit tal-UE abbażi tas-sehem tal-profitti residwi tal-akbar intrapriżi multinazzjonali u dawk l-aktar profittabbli, li se tiġi riallokata lill-Istati Membri f'każ li jkunu ġurisdizzjonijiet tas-suq aħħari fejn il-prodotti jew is-servizzi jintużaw jew jiġu kkunsmati fl-ambitu tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 għal ftehim dwar l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u trasferiment tal-profitti[10] bil-għan ta' riforma tal-qafas fiskali internazzjonali. Filwaqt li l-ħidma fuq Konvenzjoni Multilaterali għadha għaddejja fil-livell internazzjonali, il-Kummissjoni ħabbret li se tressaq proposta għal direttiva tal-Kunsill fl-2022 li tiżgura implimentazzjoni konsistenti tal-Konvenzjoni Multilaterali dwar allokazzjoni parzjali mill-ġdid tad-drittijiet ta' tassazzjoni.

3. QAFAS LEGALI

3.1. Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji

Skont l-Artikolu 311(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill, wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew "jista' jistabbilixxi kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji jew jabolixxi kategorija eżistenti". Din id-dispożizzjoni tippermetti b'mod espliċitu li d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tiġi emendata biex jiżdiedu riżorsi proprji ġodda kif miftiehem fil-Ftehim Interistituzzjonali.

F'konformità mal-proċedura leġislattiva speċjali stabbilita fl-Artikolu 311(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill jadotta d-deċiżjoni riveduta b'unanimità wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew. Id-Deċiżjoni se tidħol fis-seħħ ladarba tiġi approvata mill-Istati Membri f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali tagħhom.

3.2. Leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni

B'mod parallel, il-Kunsill jeħtieġ li jemenda l-miżuri ta' implimentazzjoni relatati mas-sistema tar-riżorsi proprji biex jiżgura li jibqgħu adatti għall-iskop tagħhom. Barra minn hekk, huma meħtieġa dispożizzjonijiet ġodda ta' tqegħid għad-dispożizzjoni għar-riżorsi proprji ġodda kollha. Il-Kummissjoni se tressaq il-proposti meħtieġa fl-ewwel nofs tal-2022.

[10] Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija, il-Proġett tal-OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti, 8 ta' Ottubru 2021.

2021/0430 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 311, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) NextGenerationEU, stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094[11], se juża EUR 750 biljun fi prezzijiet tal-2018, miġbura fis-swieq finanzjarji bħala strument temporanju biex jiżgura rkupru sostenibbli u reżiljenti fl-Unjoni kollha u jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-appoġġ ekonomiku fis-sitwazzjoni eċċezzjonali kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, u jippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

(2) Il-ħlas lura tal-kapital ta' dawk il-fondi li għandhom jintużaw għan-nefqa mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u l-imgħax dovut relatat se jkollhom jiġu ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż permezz ta' dħul suffiċjenti minn riżorsi proprji ġodda introdotti wara l-2021. Fil-qafas tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020[12], il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni rrikonoxxew l-importanza tal-kuntest tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u rrikonoxxew li "n-nefqa mill-baġit tal-Unjoni relatata mal-ħlas lura tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru jenħtieġ li ma twassal għal tnaqqis mhux dovut fin-nefqa tal-programm jew fl-istrumenti ta' investiment taħt il-QFP". Il-Ftehim Interistituzzjonali ddikjara wkoll li "huwa mixtieq ukoll li jiġu mitigati ż-żidiet fir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING għall-Istati Membri".

---

11 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

12 Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28).

(3) L-iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet, stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13], hija parti ċentrali tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima. Meta titqies ir-rabta mill-qrib tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet mal-objettivi tal-politika dwar il-klima tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġi allokat sehem mid-dħul ikkonċernat għall-baġit tal-Unjoni.

(4) Ir-riżorsi proprji għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jinkludu sehem mid-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti fis-setturi kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Skont id-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14], l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jirkantawx parti mill-kwantità totali ta' kwoti speċifikata skont id-Direttiva 2003/87/KE jew li jittrasferixxu u jirkantaw lill-Fond għall-Modernizzazzjoni stabbilit minn dik id-Direttiva. Jenħtieġ li dawk il-kwoti jintużaw ukoll biex jiġi kkalkulat l-ammont ta' riżorsi proprji abbażi tal-iskambju tal-emissjonijiet. Huwa xieraq li jiġu esklużi l-kwoti għad-dotazzjoni inizjali tal-Fond għall-Modernizzazzjoni kif ukoll il-kwoti għall-Fond għall-Innovazzjoni.

(5) Sabiex jiġi evitat impatt eċċessivament rigressiv fuq il-kontribuzzjonijiet mill-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, jenħtieġ li tiġi stabbilita kontribuzzjoni massima għall-Istati Membri eliġibbli. Għall-perjodu mill-2023 sal-2027, l-Istati Membri huma eliġibbli jekk l-introjtu nazzjonali gross *per capita*, imkejjel skont l-istandard tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkulat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-2020 ikun anqas minn 90 % tal-medja tal-UE. Għall-perjodu mill-2028 sal-2030, jenħtieġ li jintuża l-introjtu nazzjonali gross *per capita* fl-2025. Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni massima tiġi stabbilita billi l-ishma tal-Istati Membri fir-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskambju totali tal-emissjonijiet jitqabblu mal-ishma tal-introjtu nazzjonali gross tal-Unjoni ta' dawk l-Istati Membri. Jenħtieġ li tiġi stabbilita kontribuzzjoni minima għall-Istati Membri kollha jekk is-sehem tagħhom tal-ammont totali tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ETS ikun anqas minn 75 % tas-sehem tagħhom fl-introjtu nazzjonali gross tal-Unjoni.

(6) Ir-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera biex jikkomplementa l-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet u biex jiżgura l-effettività tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima. Meta titqies ir-rabta mill-qrib tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera mal-politika tal-Unjoni dwar il-klima, jenħtieġ li sehem mid-dħul mill-bejgħ ta' ċertifikati jiġi ttrasferit għall-baġit tal-Unjoni bħala riżorsa proprja.

(7) F'Ottubru 2021, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u l-Qafas Inklużiv tal-G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt laħqu ftehim dwar l-allokazzjoni lil ġurisdizzjonijiet tas-suq parteċipanti ta' 25 % tal-profitti residwi ta' intrapriżi multinazzjonali kbar li jkunu jaqbżu l-livell limitu ta' profittabbiltà ta' 10 % ("il-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1"). Jenħtieġ li r-riżorsa proprja tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir għas-sehem tal-profitti

---

13 Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

14 Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.06.2018, p. 26)

15 Ir-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera (ĠU L [...], [...], p. [...]).

residwi tal-intrapriżi multinazzjonali, riallokata lill-Istati Membri [skont id-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim globali dwar ir-riallokazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni.]

(8) Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kontribuzzjoni mill-irkant tal-kwoti skont l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet attwali jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2023. Ladarba d-Direttiva 2003/87/KE tkun ġiet emendata, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kontribuzzjoni mill-irkantar ta' kwoti fl-ambitu tal-Iskema riveduta għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet japplikaw mill-ewwel jum wara l-aħħar jum tal-perjodu għat-traspożizzjoni ta' dik l-emenda. Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kontribuzzjoni mill-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera jenħtieġ li japplikaw mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament. [Id-dispożizzjonijiet dwar il-Ftehim tal-OECD/G20 IF Pilastru 1 għandhom jidħlu fis-seħħ ladarba d-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim globali dwar ir-riallokazzjoni tad-drittijiet tat-tassazzjoni tkun tapplika u l-Konvenzjoni Multilaterali tidħol fis-seħħ.]

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi għad-Deċiżjoni (UE, Euratom) Nru 2020/2053

Id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1 jiżdied il-punt (e) li ġej:

"(e) l-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' 25 % għal:

(1) id-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti mill-Istati Membri skont l-Artikoli 3d, 10 u 30d tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

(2) l-ammont ikkalkulat billi jiġi mmultiplikat l-ammont annwali ta' kwoti li fir-rigward tagħhom l-Istat Membru rilevanti japplika kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-għażla għal allokazzjoni tranżitorja bla ħlas imsemmija fl-Artikolu 10c tad-Direttiva 2003/87/KE;

(b) il-possibbiltà ta' kanċellazzjoni limitata msemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2];

[1] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

[2] Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

(c) l-użu tal-kwoti msemmija fl-Artikolu 10d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE għall-irkantar għall-Fond għall-Modernizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 10d(3) ta' dik id-Direttiva;

bil-prezz medju ppeżat tal-kwoti rkantati fuq il-pjattaforma komuni tal-irkant fis-sena li fiha dawn il-kwoti kienu jiġu rkantati."

(b) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (f) li ġej:

"(f) l-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir ugwali għal 75 % tad-dħul mill-bejgħ ta' ċertifikati tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3]."

(c) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (g) li ġej:

"(g) l-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir ta' 15 % għas-sehem tal-profitt residwu ta' intrapriżi multinazzjonali riallokat lill-Istati Membri skont [id-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim globali dwar ir-riallokazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni[4].]"

(d) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. B'deroga mill-paragrafu 1, il-punt (e), dan li ġej għandu japplika sas-sena finanzjarja 2030:

(a) meta s-sehem ta' Stat Membru fl-ammont totali ta' dħul li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1, punt (e), ikun anqas minn 75 % tas-sehem tiegħu fid-dħul nazzjonali gross tal-Unjoni, dak l-Istat Membru għandu jagħmel disponibbli ammont li jkun ugwali għal 75 % ta' dak is-sehem tad-dħul nazzjonali gross, multiplikat bl-ammont totali ta' dħul li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1, punt (e).

(b) is-sehem ta' Stat Membru fl-ammont totali ta' dħul li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1, punt (e), ma għandux ikun ogħla minn 150 % tas-sehem ta' dak l-Istat Membru fid-dħul nazzjonali gross tal-Unjoni għal Stati Membri bi dħul nazzjonali gross *per capita* li jkun anqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni, imkejjel skont l-istandard tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkolat abbażi tać-ċifri għall-2020, għall-perjodu mill-2023 sal-2027, u abbażi tać-ċifri għall-2025, għall-perjodu mill-2028 sal-2030.

Id-dħul gross nazzjonali kif imsemmi fil-punti (a) u (b) għandu jfisser id-dħul gross nazzjonali bil-prezzijiet tas-suq kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]."

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għandu jinnotifika lill-Istati Membri b'din id-Deċiżjoni.

---

3 Ir-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera.

4 [Id-Direttiva (UE) XXX li tagħti effett lill-Ftehim tal-Pilastru 1 tal-OECD/G20 FI].

5 Ir-Regolament (EU) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 (ir-Regolament dwar id-DNG) (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 19).

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill mingħajr dewmien bit-tlestija tal-proċeduri għall-approvazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara li tkun waslet l-aħħar notifika min-notifiki msemmija fit-tieni paragrafu.

L-Artikolu 1(1), il-punt (a), għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023 għad-dħul skont l-Artikolu 3d u 10 tad-Direttiva 2003/87/KE, u mill-jum wara l-aħħar jum tal-perjodu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tad-dħul skont l-Artikolu 30d tad-Direttiva 2003/87/KE.

L-Artikolu 1(1), il-punt (b), għandu japplika mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) [XXX] li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera.

L-Artikolu 1(1), il-punt (c), għandu japplika minn

l-ewwel jum tad-data tal-applikazzjoni tad-[Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim globali dwar ir-riallokazzjoni tad-drittijiet tat-tassazzjoni] jew

il-jum tad-dħul fis-seħħ u l-effett tal-Konvenzjoni Multilaterali, skont liema minnhom tiġi l-aħħar.

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[6] Id-Direttiva (UE) XXX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' jj/xx/ss